

**ASSOĊJAZZJONI
BEJN
L-UNJONI EWROPEA
U L-MAROKK**

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

**Brussell, 3 ta' Ottubru 2025
(OR. fr)**

UE-MA 2704/25

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-MAROKK li temenda l-Protokoll 4, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra

ABBOZZ

DEĊIŻJONI NRU...
TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-MAROKK

ta'...

li temenda l-Protokoll 4, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji"
u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva
tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni
bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom minn naħa waħda,
u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-MAROKK,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tal-Protokoll 4 tiegħu dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva,

¹ ĠU UE L 70, 18.3.2000, p. 2, ELI:<http://data.europa.eu/eli/dec/2000/204/oj>.

Billi:

- (1) L-Artikolu 29 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni"), jirreferi għall-Protokoll 4 ta' dak il-Ftehim ("Protokoll 4"), li jistabbilixxi r-regoli tal-orġini.
- (2) L-Artikolu 5 tal-Protokoll 4 jipprevedi li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 4.
- (3) Id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Protokoll 4 tispjega li l-prodotti li joriġinaw mis-Saħara tal-Punent li huma soġġetti għall-kontrolli mill-awtoritajiet doganali tar-Renju tal-Marokk jibbenefikaw mill-istess preferenzi kummerċjali bħal dawk mogħtija mill-Unjoni Ewropea għall-prodotti koperti mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u li l-Protokoll 4 japplika *mutatis mutandis* għall-finijiet tad-definizzjoni tal-istatus ta' orġini ta' dawn il-prodotti, inkluż fir-rigward tal-provi tal-orġini, ħlief kif previst fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.
- (4) Fil-qafas tal-ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar l-emenda tal-Protokoll 1 u 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, konkluż fit-3 ta' Ottubru 2025.

- (5) Jenħtieġ li l-Protokoll 4 jiġi emendat sabiex jiġu previsti l-emendi meħtieġa biex jiġu żgurati kemm l-applikabbiltà għall-prodotti li joriġinaw mis-Saħara tal-Punent kif ukoll il-kontinwazzjoni tal-kummerċ, b'mod partikolari għas-settur tal-frott u l-ħaxix u għas-settur tas-sajd,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Jiżdied it-Titolu III fil-Protokoll 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk min-naħa l-oħra, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' koperazzjoni amministrattiva:

"Titolu III

Dispożizzjonijiet fir-rigward tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll 1 u 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra

Artikolu 8

Eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni mutatis mutandis tal-Protokoll 4

Fl-applikazzjoni tal-Konvenzjoni u tar-regoli tranżizzjonali,

It-termini "il-bastimenti tagħhom" u "il-bastimenti-fabbrika tagħhom" tat-Titolu II tal-Konvenzjoni u tar-regoli tranżizzjonali jirreferu għal Stat Membru tal-Unjoni, għall-Marokk jew għas-Saħara tal-Punent.

Id-dispożizzjonijiet tat-Titolu III tal-Konvenzjoni u tar-regoli tranżitorji ma għandhomx jiġu affettwati minn kwalunkwe ħidma, ipproċessar jew modifiki fil-Marokk jew kunsinni esportati mill-Marokk lejn l-Unjoni.

Il-provi tal-oriġini għandhom jimtlew kif ġej:

Fiċ-ċertifikat tal-moviment tal-oġġetti EUR.1:

Fil-kaxxa 2 "Ċertifikat użat fil-kummerċ preferenzjali bejn ... u..." għandha tiġi inkluża referenza għal "Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-UE u r-Renju tal-Marokk dwar l-emenda tal-Protokoll 1 u 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju ta' ... 2025".

Il-kaxxa 4 "Pajjiż, grupp ta' pajjiżi jew territorju li minnu l-prodotti jitqiesu li joriġinaw" ma għandhiex timtela.

Għandhom jiġu inklużi referenzi għal "Dakhla Oued Ed-Dahab" jew "Laâyoune-Sakia El Ħamra", fil-kaxxa 7 "Kummenti" skont il-każ.

Fid-dikjarazzjoni tal-oriġini, għandhom jiġu inklużi referenzi għal "Dakhla Oued Ed-Dahab" jew "Laâyoune-Sakia El Ħamra", skont il-każ, b'rabta man-nota (2) f'qiegħ il-paġna tal-Annessi fit-test tad-dikjarazzjoni tal-oriġini."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mit-3 ta' Ottubru 2025

Magħmul fi Brussell, fi

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

Il-President

ANNESS

Mudell għaċ-ċertifikat tal-moviment tal-oġġetti EUR.1

1. Esportatur (isem, indirizz, pajjiż) <i>(L-ebda bidla)</i>	EUR.1 Nru A 000.000		
	Qabel timla din il-formola, ara n-noti fil-paġna ta' wara.		
3. Destinatarju (isem, indirizz, pajjiż) (fakultattiv) <i>(L-ebda bidla)</i>	2. Ċertifikat użat fil-kummerċ preferenzjali bejn u Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar l-emenda tal-Protokoll 1 u 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra <i>(niżżeż il-pajjiżi, il-gruppi ta' pajjiżi jew it-territorji ikkonċernati)</i>		
	4. Pajjiż, grupp ta' pajjiżi jew territorji fejn il-prodotti huma kkunsidrati oriġinarji <i>(Ma għandhiex timtela)</i>	5. Pajjiż, grupp ta' pajjiżi jew territorju tad-destinazzjoni <i>(L-ebda bidla)</i>	
6. Dettalji tat-trasport (fakultattiv) <i>(L-ebda bidla)</i>	7. Kummenti <i>Referenza għall-oriġini reġjonali</i> <i>(Laâyoune-Sakia El Ħamra, Dakhla Oued Ed-Dahab)</i>		
8. Numru tal-ordni, marki, numri, għadd u tip ta' pakketti ¹ ; Deskrizzjoni tal-oġġetti ² <i>(L-ebda bidla)</i>	9. Piż gross (kg) jew qisien oħra (l, m ³ , eċċ.) <i>(L-ebda bidla)</i>	10. Fatturi (fakultattiv) <i>(L-ebda bidla)</i>	

Mudell tad-dikjarazzjoni tal-orìgini

Il-verżjoni bil-Malti

L-esportatur tal-prodotti koperti minn dan id-dokument (awtorizzazzjoni doganali nru⁽¹⁾) jiddikjara li, ħliet jekk indikat ċar b'mod ieħor, dawn il-prodotti huma ta' oriġini preferenzjali

Referenza għall-orìgini reġjonali (Laâyoune-Sakia El Ħamra, Dakhla Oued Ed-Dahab).⁽²⁾

.....
(Post u data)⁽³⁾
.....

(Firma tal-esportatur u indikazzjoni, miktuba b'mod ċar,
tal-isem tal-persuna li tiffirma d-dikjarazzjoni)⁽⁴⁾

- (1) Meta d-dikjarazzjoni tal-orìgini ssir minn esportatur approvat, in-numru tal-awtorizzazzjoni tal-esportatur approvat għandu jitniżżel f'dan l-ispazju. Meta d-dikjarazzjoni tal-orìgini ma ssir minn esportatur approvat, il-kliem fil-parenteżi għandu jitħalla barra jew jitħalla spazju vojta.
- (2) Trid tiġi indikata l-orìgini tal-prodotti. Meta d-dikjarazzjoni tal-orìgini tirreferi parzjalment jew kompletament għal prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melilla, l-esportatur għandu jindikahom b'mod ċar fid-dokument li fih issir id-dikjarazzjoni permezz tas-simbolu "CM".
- (3) Dawn l-indikazzjonijiet jistgħu jitħallew barra jekk l-informazzjoni tkun tinsab fid-dokument stess.
- (4) Meta l-esportatur ma jkollux għalfejn jiffirma, l-eżenzjoni mill-firma timplika wkoll eżenzjoni mill-isem tal-firmatarju.